MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 703/2008

**Elmo Insurance Limited**

**vs**

**Josef Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn qed titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna l-konvenut ghal hlas ta' elf, tmien mija u tmienja u disghin Euro u hamsin centezmu (€1,898.50) rappresentanti s-somma sborsata mis-socjeta' attrici a favur tar-rikorrenti fl-arbitragg fl-ismijiet "***GasanMamo Insurance Limited noe et vs Josef Pace***" [Arb. Nru. 811/2006], deciz fl-4 ta' Lulju, 2007, *in linea* ta' imghax, spejjes legali, gudizzjarji u VAT.

Din il-kawza kienet tittratta dwar incident awtomobilisitiku li gara fit-12 ta' Marzu, 2006 f'Hal Luqa, meta l-vettura bin-numru LCG-938, proprjeta' tal-konvenut, misjuqa minnu u

assikurata mas-socjeta’ attrici, habtet ma’ vettura misjuqa minn terzi.

Mill-bidu nett li s-socjeta’ attrici stharrget l-incident, hija kienet tal-fehma li l-incident gara unikament bi htija tal-konvenut u avzat b’dan lil konvenut permezz ta’ ittra ufficjali tal-31 ta’ Lulju, 2006, li minn naha tieghu kkontesta l-fehma tas-socjeta’ attrici.

Minhabba l-posizzjoni li ha l-konvenut, id-danni tat-terz baqghu ma thallsux bonarjament, u ghalhekk it-terz ghamel Arbitragg fic-Centru Malti tal-Arbitragg ghad-danni kontra l-konvenut fl-ismijiet “***GasanMamo Insurance Limited noe et vs Josef Pace***” [M811/2006], b’liema Arbitragg is-socjeta’ attrici kienet avzata kif jipprovdi l-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bhala effett ta’ decizjoni moghtija fl-4 ta’ Lulju, 2007, fl-Arbitragg fuq referit, il-konvenut gie kkundannat ihallas lir-rikorrent is-somma ta’ tlettax-il elf, mija u hamsin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€13,150.77), in kwantu ghal hdax-il elf, mitejn u tnejn u hamsin Euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€11,252.27) bhala danni, in kwantu ghal disa’ mija u tmienja u disghin Euro u tnejn u tletin centezmi (€998.32) bhala spejjes gudizzjarji u VAT, u in kwantu ghal disa’ mitt Euro u hdax-il centezmu (€900.11) bhala imghax.

Bhala effett tal-avviz b’att gudizzjarju li s-socjeta’ attrici rceviet ghall-finijiet tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-socjeta’ attrici kienet obbligata thallas lir-rikorrenti fl-Arbitragg fuq referit is-somma ta’ tlettax-il elf, mija u hamsin Euro u sebgha u sebghin centezmi (€13,150.77), u hekk sar.

Is-socjeta’ attrici qed tirriklama minghand il-konvenut l-ammont ta’ elf, tmien mija u tmienja u disghin Euro u hamsin centezmu (€1,898.50) li l-istess socjeta’ attrici kellha thallas intortament lit-terz, unikament ghaliex il-konvenut oppona li jsir il-hlas tad-danni tat-terz qabel il-proceduri tal-Arbitragg.

Ghalkemm il-konvenut kien interpellat sabiex ihallas is-somma ta' elf, tmien mija u tmienja u disghin Euro u hamsin centezmu (€1,898.50) fuq riferita, permezz ta' ittra ufficjali tat-13 ta'Awissu, 2008 skont l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u huwa kkontesta li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici kienet dovuta minnu.

Inoltre, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Lulju, 2006, l-ispejjes tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Awissu, 2008 skont l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u imghax legali b'effett mit-13 ta' Awissu, 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi respinta peress illi l-hlas effetwat mis-socjeta' attrici sar a tenur tal-obbligu kontrattwali taghha fuq il-polza ta' assikurazzjoni relattiva.

Illi fi kwalunkwe kaz, l-interessi mitluba huma eccessivi.

B'rizerva tal-prezentata ta' eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' John Cassar, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici u jokkupa l-kariga ta' *Claims Handler*. Jikkonferma li l-konvenut kien mar jaghmel *claim* maghhom fit-22 ta' Marzu, 2006, wara li kien involut f'incident li kellu fit-12 ta' Marzu, 2006, f'Hal Luqa, waqt li kien ma' kurva.

Ighid li kienu rcevew ittra minghand Dr. Louis Bianchi, bhala rapprezentant legali tas-socjeta' assikuratrici GasanMamo Insurance, fejn kien qed jinzamm responsabbli ghall-incident in kwistjoni l-konvenut.

Wara li ezamina r-rapport tal-*Warden*, wasal ghal istess konkluzzjoni, u cioe' li kien il-konvenut responsabbli ghaliex minflok dar mal-kurva, *"he cut the bend."* Minkejja dan, il-konvenut ugwalment xorta, baqa' ma jaccettax it-tort, anke meta spjegalu fuq ir-ritratt mehud mill-*Warden*.

Minhabba li baqa' jinsisti, kien qal lill-konvenut li kien ser jipprova jasal ghall-ftehin ta' hamsin fil-mija (50%) kull wiehed, izda kien avza lill-konvenut li ma kienux disposti li jidhlu l-Qorti u jirriskja ukoll spejjes legali.

Ix-xhud ighid ukoll li ma kienx irnexxielu jasal ghal ftehim ma' GasanMamo Insurance u kien informa lill-konvenut ukoll illi ma kienux disposti li jhallsulu xi spejjes legali u kienu baghtulu ittra legali f'dan is-sens biex jinfurmawh bil-konsegwenzi legali li kien ser jidhol fihom.

Kien hemm Arbitragg li l-kovenut kien tilef.

Fl-ahhar jikkonferma li kienu baghtu ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A fit-13 ta' Awissu, 2008 ghall-ispejjes, imghax u VAT.

Ra x-xhieda tal-konvenut, li ammetta li kien debitur tas-socjeta' attrici u kellu jhallas is-somma ta' elf, tmien mija u tmienja u disghin Euro u hamsin centezmu (€1,898.50).

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

F'dan il-kaz, il-konvenut ammetta dak li kien ghamel, u cioe' li waqt li kien qed isuq ma kienx ha t-tidwira sew u baqa' diehel go vettura ohra.

Huwa minnu li inizjalment ikkontradixxa lill-assikurazzjoni ghaliex, anke l-istess assikurazzjoni personali tieghu, kienet infurmatu li, kif deheru l-affarijiet, kellu tort.

Il-konvenut baqa' jinsisti li m'huwiex minnu, u waqt il-mori tal-kawza biss ammetta li kien responsabbli ghal dan l-incident li sehh.

Minkejja d-diversi tentattivi taghha, il-konvenut baqa' jinsisti li l-polza ta' assikurazzjoni kellha tkoprih ghaliex ma kienx responsabbli u ghaldaqstant, il-*claim* tieghu kellha tigi milqugha.

Ukoll, is-socjeta’ attrici qiedgha titlob li m’ghandhiex tbati l-ispejjes, u dan minhabba li ma kiex sar ftehim, u fuq kollox kienet avzatu li ma kienx hemm dubju li kien ikkaguna l-incident, mertu tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi, minhabba li hemm ammissjoni da parti tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------